MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 224/2006

**A**

**-vs-**

**Dr. Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Luisa Tufigno illi b'digriet tat-3 ta' Marzu 2006 ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-11 ta' Lulju 2006 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi hija żżewġet lill-intimat fil-Libja fil-ħmistax ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija tlieta u tmenin (15/12/1983). Ċertifikat taż-żwieġ flimkien mat-traduzzjoni tiegħu mill-Għarbi għall-Ingliż tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A.

2. Illi dan iż-żwieġ sussegwentement gie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bl-Att taż-żwieġ li jgib in-numru ___/___ (Dokument B)

3. Illi minn dana ż-żwieġ twieldu ħamest ulied u ċjoe' C ta' tnejn u għoxrin (22) sena, D ta' tmintax-il (18) sena; E ta' sittax-il (16) sena, F ta' tnax-il (12) sena u G ta' disa' (9) snin;

4. Illi ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment għal raġunijiet attribwibbli lill-intimat illi abbanduna lil martu u wliedu ġewwa Malta, filwaqt illi huwa x'aktarx irritorna lejn pajjiżu l-Libja.

5. Illi r-rikorrenti ma tafx l-indirizz fejn qed jabita żewġha *stante* illi dana ma jżommx kuntatt magħha jew ma' wliedhom minuri;

6. Illi l-intimat naqas mir-responsabbiltajiet tiegħu ta' raġel miżżewweġ illi jmantni lil martu u lil uliedu minuri u għaldaqstant ir-rikorrenti ġiet kostretta illi tiddependi għall-għixien tagħha u tal-istess minuri mill-Assistenza Soċjali.

7. Illi r-rikorrenti tixtieq tissepara *ad mensa et thoro* minn ma' l-intimat u konsegwentement isseħħ ukoll ix-xoljiment u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom;

8. Illi r-rikorrenti tixtieq ukoll li jigi dikjarat li bħala konsegwenza tas-surriferit l-intimat iddekada mill-jeddijiet konjugali kollha previsti mill-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

9. Illi r-rikorrenti ġiet debitament awtorizzata tistitwixxi dwana l-proċeduri permezz tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat erbatax ta' Ġunju tas-sena elfejn u sitta (14/06/2006) u numerat ___/___, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument C.

Għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjuġi ______ għal raġunijiet imputabbli lill-intimat.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E, F u G f'idejn ir-rikorrenti;

3. Tittermina u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u għalhekk tgħaddi sabiex tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni tal-akkwisti, u dana mhux neċessarjament fi kwoti ugwali bejn il-kontendenti, okkorrendo bil-ħatra ta' Nutar biex jippubblika l-att pubbliku u kuraturi biex jidhru għall-eventwali kontumaċi;

4. Takkorda lill-istanti manteniment xieraq għaliha u għal uliedha minuri u tordna lill-intimat sabiex iħallas l-istess manteniment;

5. Tawtorizza lill-intimata sabiex flimkien ma' wliedha, tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali ad esklużjoni ta' żewġha;

6. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti is-sanzjonijiet stipulati fl-Artikolu 48 u / jew 51 sa 55 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u dana bħala konsegwenza tal-ħtijiet manifesti tal-intimat fit-tkissir ta' dan iż-żwieġ.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa nġunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-rispota ġuramentata tal-kuraturi deputati ppreżentata fit-30 ta' Awissu 2006 li permezz tagħha eċċepew:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u lanqas jistgħu jikkomunikaw mal-konvenut *stante* li r-rikorrenti ddikjarat li ma tafx l-indirizz fejn qed jabita żewġha, u għalhekk huma

qegħdin jirrispervaw id-dritt li jressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom fi stadju ulterjuri.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits tal-attriċi u tax-xhieda l-oħra kif ukoll id-dokumenti esebiti minnha;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju 2010 illi permezz tiegħu il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba r-raġunijiet indikati fir-rikors.

Illi mill-provi jirriżulta li l-partijiet iżżewġu fl-1983 u kellhom ħamest itfal li minnhom tlieta illum maġġorenni. Mill-ewwel marru jgħixu l-Libja pajjiż il-konvenut fejn damu ċirka erbatax il-sena. Ġew lura meta ġew għall-vakanzi u baqgħu hawnhekk. L-attriċi tgħid illi ftit wara għamel ħbieb ma' grupp ta' Nord Afrikani, fosthom ma' Marokkina li kien jgħaddi ħafna hin magħha għalkemm ma tistax tgħid kellux xi relazzjoni magħha. Ċirka fl-2003 telaq lura pajjiżu, ġie darba u reġa' telaq.

Illi l-attriċi ma tafx x'sar minnu iżda taf li qiegħed il-Libja; kellhom proprjeta' hemmhekk u l-konvenut għandu wkoll proprjeta' li tagħha jdaħħal il-kera. Ma tafx pero' kemm qed jaqla' flus u jekk hux qed jaħdem. Il-Qorti għalhekk filwaqt li se tordna ħlas ta' mateniment ma tistax tippronunzja ruħha fuq proprjeta' li qiegħda barra minn Malta.

Il-konvenuti nomine ma jidhirx li rnexxielhom jagħmlu kuntatt mal-konvenut.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għalhekk;**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għar-raġunijiet indikati fiċ-ċitazzjoni;**

**2. tiċħad it-tieni talba riferibbilment għall-minuri F u G;**

**3. tilqa' it-tielet talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti, b'riserva għal kull dritt tal-attriċi fir-rigward tal-proprjeta' fil-Libja;**

**4. tordna lil konvenut iħallas manteniment ta' mija u għoxrin Ewro (€120) fix-xahar għall-attriċi u mija u sittin Ewro (€160) fix-xahar għall-minuri (ċjoe' tmenin Ewro (€80) għal kull wild);**

**5. tilqa' l-ħames talba;**

**6. tilqa' s-sitt talba.**

**L-ispejjeż ikunu a kariku tal-konvenut prevja l-ħlas provizorju tal-ispejjeż u drittijiet tal-kuraturi mill-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------